



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

10107/23
ADD 2

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0414(COD)

EMPL 294
SOC 422
CODEC 1011

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar it-titjib tal-kondizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi - Dikjarazzjoni Konġunta mill-Belġju, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja u Spanja

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża dikjarazzjoni konġunta mill-Belġju, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja u Spanja fir-rigward tal-proposta msemmija hawn fuq.

Dikjarazzjoni minn Stati Membri tal-istess fehma għal direttiva ambizzjuża dwar ix-xogħol fuq pjattaformi diġitali

Il-Gvernijiet tal-Belġju, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja u Spanja japprezzaw l-isforzi u l-impenn mill-Presidenzi suċċessivi tal-Kunsill tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea biex jinkiseb approċċ ġenerali dwar il-proposta għal Direttiva dwar it-titjib tal-kondizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi. Nifirġu lill-Presidenza Żvediża li llum kisbet approċċ ġenerali.

Nilqgħu l-approċċ ġenerali tal-lum bħala pass importanti lejn protezzjoni aħjar tal-ħaddiema tal-pjattaformi. In-negozjati li ġejjin mal-Parlament Ewropew jippreżentaw opportunità unika biex jiġu ggarantiti aktar kondizzjonijiet tax-xogħol ġusti u dinjitużi għall-ħaddiema tal-pjattaformi diġitali madwar l-Ewropa.

Din id-Direttiva hija biċċa leġislazzjoni importanti li għandha l-għan li tindirizza l-isfidi relatati mal-futur tax-xogħol. L-UE għandha l-opportunità li tkun il-mexxej globali fit-titjib tal-kondizzjonijiet tax-xogħol għall-ħaddiema tal-pjattaformi u fl-istabbiliment tal-punt ta' riferiment għal tranżizzjoni diġitali ġusta u inklużiva għal miljuni ta' ħaddiema li ma għandhomx jiġu esklużi minn djalogu soċjali sinifikanti.

Mill-bidu nett tan-negozjati, kienet ix-xewqa komuni tagħna li nadottaw Direttiva bl-ogħla livell ta' ambizzjoni, waħda li tilħaq il-bilanċ it-tajjeb bejn il-kisba ta' titjib reali tal-kondizzjonijiet tax-xogħol tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi, irrispettivament mill-istatus tal-impjieg tagħhom, u żvilupp sostenibbli tal-ekonomija tal-pjattaformi. Direttiva li, filwaqt li tikkontribwixxi għal kondizzjonijiet ekwivalenti fl-UE, tippermetti klassifikazzjoni korretta ta' persuni li jaħdmu permezz ta' pjattaformi diġitali u tinvolvi titjib reali tal-kondizzjonijiet tax-xogħol tagħhom.

It-test soġġett għall-approvazzjoni tal-lum fil-Kunsill jinkludi progress dwar il-ġestjoni algoritmika, il-ħtieġa ta' superviżjoni umana ta' dawn il-proċessi u d-drittijiet ta' informazzjoni tal-ħaddiema, kif ukoll trasparenza fix-xogħol fuq il-pjattaformi diġitali. Dawn huma kollha passi importanti li jikkontribwixxu għad-drittijiet tal-ħaddiema kollha tal-pjattaformi.

Barra minn hekk, l-istabbiliment ta' preżunzjoni konfutabbli ta' impjieg huwa pass importanti għall-protezzjoni tal-ħaddiema tal-pjattaformi. Madankollu, fit-tfassil attwali tagħha, il-preżunzjoni legali konfutabbli tar-relazzjoni ta' impjieg fl-Approċċ Ġenerali tal-lum hija inqas ambizzjuża u effettiva minn dik proposta mill-Kummissjoni. Il-preżunzjoni legali konfutabbli għandha tiġi attivata skont normi u mekkaniżmi ċari u trasparenti, kondiviżi mill-Istati Membri kollha, li jirrispettaw il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u tal-Qrati nazzjonali.

Barra minn hekk, huwa meħtieġ li tiġi stabbilita preżunzjoni legali mingħajr restrizzjonijiet jew derogi, peress li din tipperpetwa biss l-iżbilanċ eżistenti llum bejn il-pjattaformi diġitali (inkluż meta jintużaw l-intermedjarji) u l-individwi li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi diġitali, li wassal għall-eżistenza ta' eluf ta' ħaddiema indipendenti fittizji fl-Ewropa u kondizzjonijiet tax-xogħol prekarji. Ser nimmiraw ukoll li nestendu l-kamp ta' applikazzjoni tal-preżunzjoni legali għall-proċeduri tat-taxxa, dawk kriminali u tas-sigurtà soċjali.

Bl-għan li l-proċess leġiżlattiv jinżamm fit-triq it-tajba u b'hekk jippermetti l-bidu tan-negożjati mal-Parlament Ewropew, u sensittiv għas-sejħiet għal azzjoni minn diversi partijiet ikkonċernati rilevanti, il-grupp tagħna tal-istess fehma llum iffaċilita, għalkemm b'pożizzjonijiet ta' votazzjoni differenti iżda b'xewqa kondiviża li jittejjeb it-test, l-adozzjoni tal-approċċ ġenerali mill-Kunsill.
